MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 751/2003

**George Pace Estates Limited**
**Vs**
**Fino Fers Limited**

**Il-Qorti:**
**Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:**
**Illi is-socjeta attrici George Pace Estates Limited hija kreditrici tas-socjeta konvenuta Fino Fers Limited fis-somma ta' hmistax-il efl u hamsa u ghoxrin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm15,025.33) dovuti kwantu ghal-erbatax-il elf u hamsa u ghoxrin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm14,705.64) ta' sitt skadenzi kera bil-quddiem ta' tlett garaxxijiet li jinsabu fi New Street off Old Mill Street, Qormi u cioe l-iskadenzi li ghalqu fl-1 ta' Jannar 2001, fl-1 ta' Lulju 2001, fl-1 ta' Jannar 2002, fl-1 ta' Lulju 2002, fl-1 ta' Jannar 2003. u fl-1 ta' Lulju 2003; u kwantu ghall-tlett mija u dsatax-il lira u disgha u sittin centezmu (Lm319.69) VAT dovut fuq kera gja imhallas;**

**Illi minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata biex thallas ghalkemm ma qajmet ebda oggezzjoni ghall-ammont dovut, baqghet ma halsetx;**
**Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili stante li d-dejn fuq l;msemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta attrici is-socjeta konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra kontra it-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;**
**Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:-**
**1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u**
**Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' hmistax-il efl u hamsa u ghoxrin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm15,025.33) dovuti kwantu ghal-erbatax-il elf u hamsa u ghoxrin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm14,705.64) ta' sitt skadenzi kera bil-quddiem ta' tlett garaxxijiet li jinsabu fi New Street off Old Mill Street, Qormi u cioe l-iskadenzi li ghalqu fl-1 ta' Jannar 2001, fl-1 ta' Lulju 2001, fl-1 ta' Jannar 2002, fl-1 ta' Lulju 2002, fl-1 ta' Jannar 2003. u fl-1 ta' Lulju 2003; u kwantu ghall-tlett mija u dsatax-il lira u disgha u sittin centezmu (Lm319.69) VAT dovut fuq kera gja imhallas;**
**Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talbiet kollha kif dedotti fic-citazzjoni**
**Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;**
**Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------